

## II-Parlament japprova ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE



Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali ser iħaffef l-ivvjaġġar fl-UE mill-1 ta' Lulju 2021. Ritratt EC-Xavier Lejeune

- L-Istati Membri kollha tal-UE se jaċċettaw iċ-ċertifikati li huma prova ta' vaċċinazzjoni, ta' riżultat negattiv għal test jew ta' fejjan minn infekzjoni tal-COVID
- Għandu jiċċilta l-moviment ħieles u jwassal għat-tnejħi gradwali tar-restrizzjonijiet b'mod koordinat
- Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2021 u jkun fis-seħħi għal 12-il xahar
- Huwa inkoraggiut ittestjar bi prezz raġonevoli u aċċessibbli: €100 miljun f'fondi tal-UE għax-xiri ta' testijiet

**II-MPE illum lestew ix-xogħol leġiżlattiv fuq il-pakkett taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE sabiex l-ivvjaġġar fl-UE jseħħi aktar faċilment u jikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku.**

Il-plenarja approvat ir-Regolamenti l-ġodda dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE b'546 voti favur, 93 kontra u 51 astensjoni (Ċittadini tal-UE) u b'553 voti favur, 91 kontra u 46 astensjoni (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi).

Iċ-ċertifikat se jinħareġ mingħajr ħlas mill-awtoritajiet nazzjonali u jkun disponibbli jew f'forma diġitali jew stampata u jkun fih QR code. Id-dokument se jiċċertifika li persuna tkun ġiet ivvaċċinata kontra I-COVID-19 jew, inkella, li riċentement kellha riżultat negattiv għal test, jew li tkun irkuprat mill-infezzjoni. Fil-prattika, dawn se jkunu tliet ċertifikati separati. Qafas komuni tal-UE se jagħmel iċ-ċertifikati interoperabbli u verifikabbli madwar I-Unjoni Ewropea kollha, kif ukoll jipprevjeni l-frodi u l-falsifikazzjoni.

Is-sistema se tapplika mill-1 ta' Lulju 2021 u tkun fis-seħħi għal 12-il xahar. Iċ-ċertifikat ma jkunx prekundizzjoni għall-moviment ħieles u mhux se jitqies bħala dokument tal-ivvjaġġar.

## Restrizzjonijiet addizzjonali fuq l-ivvjaġġar biss jekk verament ġustifikati

Matul in-negożjati interistituzzjonali, il-MPE irnexxielhom jiżguraw ftehim li l-pajjiżi tal-UE ma jkunux jistgħu jipponu restrizzjonijiet addizzjonali fuq l-ivvjaġġar fuq persuni li jkollhom iċ-ċertifikat - bħall-kwarantina, awtożolament jew ittestjar - "ħlief jekk ikunu neċessarji u proporzjonati għall-ħarsien tas-saħħha pubblika". L-evidenza xjentifika, "inkluża d-data epidemjoloġika ppubblikata miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)" ser ikollha titqies. Meta jkun possibbli, il-miżuri għandhom ikunu notifikati 48 siegħa qabel lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni. Il-pubbliku għandu jkun notifikat 24 siegħa qabel.

## Ittestjar bi prezz raġonevoli u aċċessibbli

L-Istati Membri tal-UE huma mħiegħja jiżguraw li l-ittestjar ikun disponibbli faċilment bi prezz raġonevoli. Fuq talba tal-Parlament, il-Kummissjoni wiegħdet li timmobilizza €100 miljun taħt l-Instrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jixtru testijiet għall-ħruġ taċ-ċertifikati COVID Diġitali tal-UE dwar testijiet.

## Vaċċini

Il-pajjiżi kollha tal-UE jridu jaċċettaw iċ-ċertifikati ta' vaċċinazzjoni maħruġa fi Stati Membri oħra għall-vaċċini awtorizzati mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediciċini (EMA). Se jkun f'idējn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jaċċettawx ukoll ċertifikati għall-vaċċini awtorizzati skont proċeduri ta' awtorizzazzjoni nazzjonali jew għall-vaċċini fil-lista tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha (WHO) għall-użu ta' emerġenza.

## Salvagwardji tal-protezzjoni tad-data

Id-data personali kollha trid tkun ipproċessata skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Iċ-ċertifikati jiġu vverifikati offline u l-ebda data personali ma tinżamm.

## Il-passi li jmiss

It-test issa jrid jiġi adottat formalment mill-Kunsill u jkun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali, għal dħul fis-seħħ immedjat u jibda jaapplika mill-1 ta' Lulju 2021.

### Għal aktar informazzjoni

Tappi fil-proċedura (2021/0068(COD))

Tappi fil-proċedura (2021/0071(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Test adottat (09.06.2021)

Video tad-dibattitu (9.06.2021)

Stqarrija għall-istampa dwar votazzjoni fil-kumitat (26.05.2021)

Konferenza stampa ta' Juan Fernando LÓPEZ AGUILAR (20.5.2021)

Ritratti, videos u audio mingħajr ħlas

### Kuntatti

---

Polona TEDESCKO

Press Officer

📞 (+32) 2 28 40731 (BXL)

📱 (+32) 470 884 282

✉️ [polona.tedesko@europarl.europa.eu](mailto:polona.tedesko@europarl.europa.eu)

✉️ [libe-press@europarl.europa.eu](mailto:libe-press@europarl.europa.eu)

🐦 [@EP\\_Justice](https://twitter.com/EP_Justice)

---



**Servizz ta' l-Istampa,** Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Parlament Ewropew - Spokesperson: Jaume Duch Guillot

Numru tas-'switchboard' (32-2) 28 33000